

Brussell, 12 ta' Marzu 2019
(OR. en)

6298/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0812(CNS)

DAPIX 52
CRIMORG 22
ENFOPOL 61
ENFOCUSTOM 28
JAI 120

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	11869/1/18 REV 1; 13123/18
Suġġett:	Deċiżjonijiet ta' Prüm - DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI dwar il-varar fir-Renju Unit tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA

1. Fil-laqgħa tiegħu tas-**17 ta' Settembru 2018**, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal- Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) iddiskuta r-rapport dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni supplimentari rigward l-iskambju ta' **data dwar id-DNA** għar-**Renju Unit** (11545/18 JAI 827 DAPIX 257 CRIMORG 110 ENFOPOL 418 ENFOCUSTOM 172) u sussegwentement irreveda r-rapport ta' evalwazzjoni ġenerali (11869/1/18 REV 1 DAPIX 263 CRIMORG 115 CT 141 ENFOPOL 432 ENFOCUSTOM 175 JAI 849) abbażi tal-kwestjonarju, iż-żjara ta' evalwazzjoni supplimentari u prova pilota.
2. Fil-laqgħa tad-DAPIX tas-**17 ta' Settembru 2018**, ġie rikonoxxut li kull Stat Membru marbut bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jaqbel li ġew issodisfati l-kondizzjonijiet biex il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet ta' skambju awtomatizzat ta' **data dwar id-DNA**, ir-**Renju Unit** implimenta b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.

3. Konsegwentement, fil-**11 ta' Ottubru 2018** il-Kunsill adotta l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI li jikkonċernaw **ir-Renju Unit** fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA (13079/18 DAPIX 309 CRIMORG 129 ENFOPOL 494 ENFOCUSTOM 198 JAI 995).
4. Kif meħtieġ mid-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat, fid-**9 ta' Novembru 2018** il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta l-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-varar fir-**Renju Unit** tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA, kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti u kif jinsab fid-dokument 13123/18 (DAPIX 313 CRIMORG 133 ENFOPOL 499 ENFOCUSTOM 200 JAI 1002).
5. Permezz ta' ittra tat-8 ta' Frar 2019 mill-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Parlament Ewropew talab lill-Kunsill sabiex testendi dan il-limitu ta' żmien.
6. B'segwitu għat-talba tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill qabel li jestendi l-limitu ta' żmien biex il-Parlament Ewropew jagħti l-opinjoni tiegħu sat-12 ta' Marzu 2019, bil-fehim li, fin-nuqqas ta' opinjoni f'dak il-limitu ta' żmien, il-Kunsill jaġixxi.
7. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-**12 ta' Marzu 2019**.
8. *Abbażi ta' dan, il-COREPER huwa mitlub:*
 - *jippreżenta r-rapport ġenerali (11869/1/18 REV 1 DAPIX 263 CRIMORG 115 CT 141 ENFOPOL 432 ENFOCUSTOM 175 JAI 849) lill-Kunsill, u*
 - *jistieden lill-Kunsill biex jadotta bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-varar fir-**Renju Unit** tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA (13123/18 DAPIX 313 CRIMORG 133 ENFOPOL 499 ENFOCUSTOM 200 JAI 1002).*